

MT

D5 95728
Sommarju Eżekuttiv

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.1.2011
SEG(2011) 44 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2000/25/KE dwar l-applikazzjoni ta' stadji ta' emissjonijiet għal tratturi
dojoq

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

SEG(2011) 43 finali
KUMM(2011) 1 finali

Rinunċja: Din it-taqsira eżekuttiva torbot biss lis-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tnejn tagħha u ma tippreġudikax il-forma finali ta' kwalunkwe deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-problema li se tkun analizzata hija l-probabbiltà li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li jinsabu fil-leġiżlazzjoni li bħalissa tinsab fis-seħħ dwar l-emissjoni ta' tniġġis għal dawk li jissejġu tratturi doġoq (narrow-track tractors, NTTs). Bil-bejgħ annwali ta' madwar 26 000 unità, dawn jirrappreżentaw 16 % tas-suq tal-UE għal tratturi ġodda. Huma ddisinjati b'mod speċjali biex ikunu tajbin għall-karatteristiċi speċifiċi tat-terren u t-tqassim fl-għelieqi mħawwla bid-dwieli jew is-siġar tal-frott fl-Ewropa, bħalma huma r-ringieli doġoq bejn id-dwieli. Bħala konsegwenza, l-NTTs huma kważi prodotti u użati biss fl-Ewropa. Il-problema tinqasam fi tnejn: is-suffiċjenza tal-limiti regolatorji u n-nuqqas ta' fattibbiltà teknoloġika.

Meta fl-2005 kienu introdotti mil-leġiżlatur il-limiti l-ġodda tal-emissjonijiet għat-tratturi kien hemm disponibbli ammont limitat ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija meħtieġa biex tissodisfa dawk l-istandards. B'żieda mal-Istadju IIIA li huwa applikabbli bħalissa, kienu stabbiliti wkoll l-Istadju IIIB u l-Istadju IV, li jesigū tnaqqis qawwi fl-emissjonijiet tal-materja f'partikuli (MP) u l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x). Id-dati tal-implimentazzjoni li bħalissa huma stabbiliti rigward it-tqegħid fis-suq tal-NTTs għall-kategoriji tal-magni relevanti (li jkopru 75 % tas-suq tal-NTTs il-ġodda) huma kif ġej:

Qawwa tal-magna	Data ta' implimentazzjoni (L-Istadju IIIB)	Data ta' implimentazzjoni (L-Istadju IV)
56-75 kW	1-1 ta' Jannar 2012	1-1 ta' Ottubru 2014
37-56 kW	1-1 ta' Jannar 2013	-

L-eżistenza potenzjali tad-diffikultajiet għall-NTTs kienet rikonoxxuta fid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet tat-Tratturi 2000/25/KE u l-Artikolu 4(8) kien introdott biex jintalab iktar studju tal-fattibbiltà dwar il-limiti previsti tal-emissjonijiet għall-NTTs. Maż-żmien kien ikkonfermat li l-NTTs kien ikollhom diffikultajiet serji fl-istadji li jmiss tar-rekwiżiti tal-emissjonijiet. Dan huwa hekk għax kuntrarju għal tratturi normali/ikbar, l-NTTs għandhom disponibbli biss spazju limitat biex tkun iffittjata l-magna l-ġdida meħtieġa u t-teknoloġiji għat-trattament ta' wara kontra t-tniġġis. Żieda fid-daqs tal-vettura tikkomprometti r-rekwiżiti essenzjali tal-utent, minħabba telfien fil-manuvrabbiltà, telfien ta' art kultivabbli u diffikultà ġenerali biex joperaw fl-ambjent ta' bħalissa li għalih kienu ddisinjati.

Ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-Istadju IIIB u IV ma jkunux problematiċi jekk ikunu disponibbli soluzzjonijiet teknoloġiċi sodisfaċenti għall-NTTs fil-qafas ta' żmien xieraq. Iżda l-informazzjoni tas-suq li hawn bħalissa turi li kien biss dan l-aħħar li l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-magna u tat-trattament ta' wara biex ikun sodisfatt l-Istadju IIIB ta l-ewwel soluzzjonijiet prototipi. Għall-Istadju IV, ir-riċerka u l-iżvilupp fuq kunċetti tal-magna għadhom għaddejnin. Barra minn hekk, se jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex dawn it-teknoloġiji jkunu addattati għall-applikazzjoni fl-NTTs u biex ikunu integrati fl-ispazju limitat disponibbli. Dan il-proċess għall-Istadju IIIB, skont il-kalendarju industrijali standard biex jitwettaq, huwa mistenni li jieħu bejn tlieta (3) u sitt (6) snin. Għall-Istadju IV, jekk jista' jintwera kunċett tekniku fattibbli, l-iżvilupp ta' NTTs li jkunu konformi xorta jkun jeħtieġ bejn sitta (6) u 10 snin.

Il-partijiet l-aktar milquta huma l-manifatturi tal-magni u tat-tratturi, il-ħaddiema tagħhom u s-settur agrikolu. L-ewwel nett, il-magni l-ġodda jridu jkunu żviluppati mill-manifatturi tal-magni li jistgħu jissodisfaw il-limiti l-ġodda u li jkunu tajba biex jintużaw fl-NTTs. It-tieni, hemm l-isfida teknoloġika għall-manifatturi tal-NTTs biex jinstallaw il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-magni fil-prodotti speċifiċi tagħhom u biex iżommu l-abbiltà tagħhom li joperaw fil-passaġġi dojoq bejn id-dwieli. Is-settur agrikolu jkun milqut mill-assenza ta' NTTs ġodda li jkunu kompatibbli mal-wisa' ta' bħalissa tal-passaġġ bejn id-dwieli u s-siġar tal-frott u bit-tagħmir/l-għodda eżistenti li jintużaw għall-kultivazzjoni. L-impjegati ta' dawn il-manifatturi tat-tratturi jkunu milquta minn għeluq possibbli tal-fabbrika minħabba l-inabbiltà li jlaħħqu mad-domanda għal prodotti ġodda.

Din il-valutazzjoni tal-impatt telenka l-alternattivi politiċi biex tkun ittrattata din il-problema.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet tat-Tratturi tarmonizza l-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mal-limiti tal-emissjonijiet u l-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip tal-magni li jkunu se jiġu installati fit-tratturi. Kwalunkwe modifiki għad-Direttiva jistgħu jsiru biss fil-livell tal-UE. Iżda hemm ir-riskju li jekk ma tittieħed ebda azzjoni, l-Istati Membri jistgħu jirrikorru għal miżuri nazzjonali biex jittrattaw il-problema u li dan iwassal għal frammentazzjoni tas-suq intern u dislivell fir-regoli bejn Stati Membri differenti. Għalhekk l-azzjoni mill-UE hija ġustifikata u tipprovdi valur miżjud biex jinżamm is-suq intern għat-tratturi.

3. GĦANIJET

L-għanijiet politiċi huma marbuta mal-kompetittività u kwistjonijiet ambjentali. L-għanijiet ġenerali huma biex meta tkun ittrattata l-problema identifikata, tkun imħarsa l-kompetittività u l-vijabbiltà tal-industrija tat-tratturi filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali bit-tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu mit-tratturi.

Iffaċċjati bl-impossibbiltà li jqiegħdu fis-suq mill-2012 prodotti li jkunu konformi, il-manifatturi tal-NTTs aktarx se jsofru telf kbir fl-introjt tagħhom. Dan ikun jirrappreżenta riskju serju għall-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp bżonnjużi biex ikunu żviluppati s-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex ikun hemm dħul mill-ġdid fis-suq. Dan ir-riskju jista' jhedded l-eżistenza ta' bosta minn dawn il-kumpaniji speċjalizzati li ġeneralment ikunu kumpaniji industrijali ta' daqs u kapital limitat, fosthom diversi SMEs.

F'termini ta' protezzjoni ambjentali, it-tiġdid tal-flotta tat-tratturi huwa kruċjali biex ikun hemm tnaqqis fl-emissjonijiet tal-MP u tan-NO_x. Jekk ma jkunux offriti NTTs ġodda fis-suq minħabba d-diffikultà teknika biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti regolatorji, l-utenti mistennija li jaddattaw ruħhom billi jestendu l-użu tal-NTTs il-qodma u b'hekk ikomplu jniġġsu lil hinn miż-żmien normali li suppost joperaw. Barra minn hekk, huwa meħtieġ inċentiv għall-industrija biex tkompli l-iżvilupp ta' NTTs iktar nodfa u twassal għat-tnaqqis meħtieġ ta' tniġġis fil-medda medja sal-medda twila ta' żmien. L-emissjonijiet tal-flotta attwali tal-NTTs jirrappreżentaw 0,2 u 0,5% tal-emissjonijiet totali fl-UE ta' MP u NO_x rispettivament.

4. ALTERNATTIVI POLITIĊI

Ġew identifikati sitt alternattivi politiċi bħala mezz possibbli biex jintlaħqu l-miri politiċi. Dawn huma:

- ***L-alternattiva 1- Ebda azzjoni ġdida = Ix-xenarju tal-linja bażi.***

Id-dati attwali ta' implimentazzjoni biex l-NTTs jsiru konformi mal-limiti l-ġodda tal-Istadju IIIB u l-Istadju IV jibqgħu l-istess, li jfisser li l-Istadju IIIB ikun meħtieġ għall-NTTs il-ġodda mill-1 ta' Jannar 2012 u l-Istadju IV mill-1 ta' Ottubru 2014.

- ***L-alternattiva 2 – Ikunu permessi tliet (3) snin żejda biex ikunu implimentati l-Istadji IIIB u IV għall-NTTs.***

Id-dati tal-implimentazzjoni biex l-NTTs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-Istadju IIIB u l-Istadju IV jiddeżmu bi tliet (3) snin. L-Istadju IIIB ikun meħtieġ għall-NTTs il-ġodda mill-1 ta' Jannar 2015 u l-Istadju IV mill-1 ta' Ottubru 2017.

- ***L-alternattiva 3 – Ikunu permessi ħames (5) snin żejda biex ikunu implimentati l-Istadji IIIB u IV għall-NTTs.***

Id-dati tal-implimentazzjoni biex l-NTTs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-Istadju IIIB u l-Istadju IV jkunu mdewma b'ħames (5) snin. L-Istadju IIIB jkun meħtieġ għall-NTTs il-ġodda mill-1 ta' Jannar 2017 u l-Istadju IV mill-1 ta' Ottubru 2019.

- ***L-alternattiva 4 – Eżenzjoni mill-Istadji IIIB u IV għall-NTTs.***

Meta jitqiesu l-limitazzjonijiet fid-disinn tal-NTTs u s-sehem limitat tagħhom tas-suq meta mqabbel mas-suq tat-tratturi kollu kemm hu, alternattiva addizzjonali tista' tkun li l-NTTs ikunu kompletament eżentati mir-rekwiżiti tal-Istadji IIIB u IV. Dan iżomm ir-rekwiżiti attwali tal-Istadju IIIA għal dawn it-tratturi speċjali għal perjodu ta' żmien bla limitu.

- ***L-alternattiva 5 – Jinqabeż l-Istadju IIIB u jkun introdott l-Istadju IV fid-dati li kienu maħsuba oriġinarjament.***

Din l-alternattiva taħseb li taqbeż l-Istadju IIIB u tintroduċi l-limiti tal-emissjoni tal-Istadju IV fid-data li kienet maħsuba oriġinarjament fil-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet mit-tratturi, jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2014.

- ***L-alternattiva 6 – Estensjoni tad-dispożizzjonijiet ta' flessibilità għall-NTTs.***

Din l-alternattiva taħseb li jkunu estenzi għal darb'oħra għall-NTTs id-dispożizzjonijiet ta' flessibilità fid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet tat-Tratturi, biex il-manifatturi tal-NTTs ikunu jistgħu jbiegħu għadd addizzjonali ta' tratturi li mhumiex konformi mingħajr ma jinbidlu r-rekwiżiti tal-emissjonijiet infushom.

L-alternattiva 5 kienet imwarrba fi stadju bikri għaliex id-disinn tal-vettura f'konformità mal-Istadju IV se jieħu iktar fit-tul miż-żmien disponibbli sakemm isir id-dħul mandatorju tal-limiti previsti mil-leġiżlazzjoni. Mill-2014 huma mistennija effetti negativi qawwija (impossibilità li jinbiegħu NTTs li jkunu konformi, telf ta' introjti, l-użu ssuktat ta' tratturi qodma), probabbilment ħafna iktar minn dawk taħt l-Alternattiva 1. Barra minn hekk, ikun ifisser ħela ta' riżorsi għall-kumpaniji li jkunu investew f'soluzzjonijiet tekniċi għall-Istadju IIIB.

L-alternattiva 6 wkoll ġiet imwarrba. Id-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà għat-tratturi jippermettu lill-manifatturi biex ikompli bil-bejgħ ta' tratturi mhux konformi lil hinn mid-data tal-implimentazzjoni tal-istadji l-ġodda tal-emissjonijiet. Id-dispożizzjonijiet attwali jagħtu nifs għal perjodu ta' ftit xhur biss. Biex dawn id-dispożizzjonijiet jinġiebu iktar konformi mal-kalendarju meħtieġ biex ikunu żviluppati NTTs konformi, wieħed jista' jimmaġina estensjoni oħra tad-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà għall-NTTs. F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-flessibbiltà jeħtieġ li jkunu madwar 300 %. Fil-prattika, alternattiva bħal din tkun tirrappreżenta dewmien ta' tliet (3) snin fl-applikazzjoni tal-istadji l-ġodda tal-emissjonijiet, simili ħafna għall-Alternattiva 2. Iżda, il-piż amministrattiv għall-manifatturi u l-amministrazzjonijiet biex jimplimentaw l-iskema tal-flessibbiltà jkunu oġġla b'mod sinifikattiv.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Billi din il-Valutazzjoni tal-Impatt tikkonċerna azzjoni leġislattiva “dejqa”, hija se tanalizza l-alternattivi essenzjalment b'mod kwalitattiv bi kwantifikazzjonijiet għal dawk l-impatti li għalihom hemm biżżejjed dejta disponibbli. L-analiżi hija bbażata fuq id-dejta disponibbli minn sorsi differenti, fosthom l-istudji ta' sostenn mill-JRC u Arcadis u l-industrija nnifisha (b'mod partikulari l-manifatturi tal-magni, tat-tagħmir tat-trattament ta' wara u tat-tratturi), li taw informazzjoni dwar ir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp u t-teknoloġija moderna marbuta mad-dħul tal-istadji l-ġodda għall-NTTs.

• *L-alternattiva 1- Ebda azzjoni ġdida = Ix-xenarju tal-linja bażi.*

Din l-alternattiva politika tirrappreżenta riskju serju ta' tħarbit tal-industrija u s-suq tal-NTT, billi l-industrija ma jkollhiex tratturi konformi li jkunu lesti fil-ħin għall-Istadju IIIB jew għall-Istadju IV. L-utenti mhux se jkunu jistgħu jbiddu t-tratturi qodma li jniġġsu b'tagħmir modern u aktarx li jkomplu jużaw it-tratturi l-qodma bi tniġġis għoli u b'sikurezza tal-ħaddiem tmur għall-aġar. Xi tratturi li huma konformi (fil-kategorija tal-magna l-iktar baxxa) jistgħu jaslu xi snin wara fis-suq, iżda t-telf prolongat tal-introjt mill-NTT jista' jwassal lil diversi manifatturi biex jagħlqu n-negozju, bir-riżultat li jintilef proporzjon sinifikanti ta' impjegi, li huwa stmat li jkun jammonta għal 3 000 fuq perjodu ta' tliet (3) snin. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' bdil fil-flotta eżistenti, jista' jkun stmat li madwar 80 000 ħaddiem li jużaw l-NTTs se jkunu esposti għal riskji oġġla ta' sikurezza, għallinqas għall-perjodu ta' tliet (3) snin li ġejjin. Il-leġislazzjoni riċenti tejbet ir-rekwiżiti tas-sikurezza għat-tratturi l-ġdida, b'mod partikulari kontra aċċidenti ta' rrumblar, u t-tiġdid tal-flotta huwa essenzjali biex titjeb is-sikurezza tal-ħaddiem.

L-emissjonijiet globali tal-MP u n-NO_x taħt din l-alternattiva huma oġġla minn kif kien mistenni oriġinarjament mil-limiti l-ġodda għall-emissjonijiet. Dan għaliex jibqgħu jintużaw it-tratturi l-qodma minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-NTTs il-ġodda li huma konformi.

Il-partijiet interessati (il-biċċa l-kbira mill-industrija) għal bosta snin ikkritikaw din l-alternattiva u wissew kontra l-konsegwenzi negattivi tagħha.

• *L-alternattiva 2 – Ikkunu permessi tliet (3) snin żejda għall-implimentazzjoni tal-Istadji IIIB u IV għall-NTTs.*

Din l-alternattiva politika, li l-NNTs jingħataw tliet (3) snin żejda biex isiru konformi, tkun effettiva ħafna biex jittaffew l-impatti ekonomiċi fuq l-industrija għal proporzjonijiet li joffru sfiċa iżda li jkunu fattibbli, mingħajr riperkussjonijiet soċjali serji. L-industrija tibqa' taħt pressjoni kontinwa biex issib soluzzjonijiet tekniċi biex tissodisfa l-limiti l-ġodda tal-emissjonijiet introdotti mid-Direttiva, u għalhekk tkun inkoraġġita l-innovazzjoni. Huwa stmat li l-manifatturi jkollhom iżidu n-nefqa tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp minn 3 % għal aktar minn 6 % ta' kemm idawru flus tul l-erba' snin li ġejjin biex jilhq u l-Istadju IIIB mill-2015 'il quddiem. L-investment totali għar-riċerka u l-iżvilupp mill-manifatturi tal-NTTs huwa mistenni li jkun ta' madwar EUR 50m. Is-sikurezza tal-ħaddiem titjeb kif mistenni minħabba t-tibdil tal-NTTs il-qodma ma' oħrajn ġodda u iktar sikuri.

Meta mqabbel max-xenarju tal-linja bażi (l-alternattiva 1), l-impatti ambjentali huma pożittivi. Dan minħabba li, filwaqt li l-NTTs tal-Istadju IIIB mhumiex disponibbli, l-NTTs il-ġodda li huma konformi mal-Istadju IIIA jkunu jistgħu jidħlu fis-suq u jnaqqsu l-l-emissjonijiet li jniġġsu, permezz tal-bdil tal-NTTs il-qodma u li jniġġsu. Il-benefiċċji ambjentali globali għal din l-alternattiva huma stmati li jlaħħqu l-EUR 122m (l-emissjonijiet iktar baxxi tal-MP huma stmati li jlaħħqu l-EUR 31m, l-emissjonijiet tan-NO_x jlaħħqu l-EUR 91m).

Xi kumpaniji industrijali wrew li dan jista' jkun fattibbli, filwaqt li oħrajn jaħsbu bil-kontra.

- ***L-alternattiva 3 – Ikkun permissi ħames (5) snin żejda għall-implimentazzjoni tal-Istadji IIIB u IV għall-NTTs.***

Din l-alternattiva, li tagħti lill-NTTs ħames (5) snin żejda biex jikkonformaw tkun effettiva ħafna biex ikun evitat it-telf ta' impjiegi fis-settur. L-industrija tibqa' xorta taħt pressjoni biex issib soluzzjonijiet tekniċi biex tissodisfa d-Direttiva, għalkemm l-atturi industrijali rilevanti kollha għandu jkollhom żmien biżżejjed biex jiżviluppaw soluzzjonijiet tekniċi għall-NTTs. Il-kredibbiltà tal-leġiżlazzjoni tista' iżda, tkun kemxejn dubjuża jekk tkun perċeputa li l-industrija ma ppruvatx tilħaq il-limiti fil-ħin. Din l-alternattiva tikkorrispondi għat-talbiet mill-manifatturi tal-NTTs. Is-sikurezza tal-ħaddiema titjeb kif mistenni minħabba l-bdil tal-NTTs il-qodma ma' oħrajn ġodda u iktar sikuri.

Terġa', ikun hemm titjeb għall-ambjent meta mqabbel max-xenarju tal-linja bażi minħabba l-bdil tal-NTTs qodma b'oħrajn iktar nodfa, b'konformità mal-Istadju IIIA. Il-benefiċċji ambjentali globali ta' din l-alternattiva huma stmati li jkunu EUR 74m (l-emissjonijiet tal-MP iktar baxxi jlaħħqu t-EUR 12-il miljun, l-emissjonijiet tan-NO_x jlaħħqu t-EUR 62m). Dawn il-valuri huma kemxejn inqas minn dawk tal-alternattiva 2, billi l-Istadju IIIB ikun applikabbli sentejn (2) wara.

Din l-alternattiva tikkorrispondi għat-talbiet ta' bħalissa mill-manifatturi tal-NTTs.

- ***L-alternattiva 4 – Eżenzjoni tal-NTTs mill-Istadji IIIB u IV.***

Eżenzjoni permanenti ttaffi b'mod effettiv l-impatti ekonomiċi negattivi għall-industrija iżda ma tagħti ebda ċertezza li l-emissjonijiet li jniġġsu jitnaqqsu fuq medda twila ta' żmien, għax kollox barra ċert li jkunu żviluppatti NTTs li jilhq u l-Istadju IIIB jew IV. Billi sorsi oħra tal-MP u tan-NO_x huma mistennija li maż-żmien

inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom, is-sehem relattiv tal-NTTs f'dawk l-emissjonijiet għalhekk se jiżdied. Il-benefiċċji ambjentali globali ta' din l-alternattiva huma stmati li jlaħħqu s-EUR 674m (l-emissjonijiet oġġla tal-MP jlaħħqu t-EUR 313m, l-emissjonijiet tan-NO_x ilaħħqu t-EUR 361m). Fuq il-medda qasira taż-żmien, iżda, tkun pożittiva għall-ambjent billi għallinqas it-tratturi l-ġodda tal-Istadju IIIA jkunu disponibbli biex jieħdu post dawk li huma qodma u li jniġġsu aktar. Eżenzjoni tneħħi wkoll kwalunkwe inċentiv biex isir investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u fl-innovazzjoni fit-teknoloġiji ambjentali għall-NTTs. Is-sikurezza tal-ħaddiema titjeb kif mistenni minħabba l-bdil ta' NTTs qodma ma' oħrajn ġodda u iktar sikuri.

Ma jkun hemm ebda riskju li l-kumpaniji jispiċċaw bla negozju minħabba r-rekwiżiti tal-emissjonijiet billi huma jibqgħu effettivament kif inhuma llum. Iżda jista' jintilef għadd żgħir ta' impjegi marbuta mar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) fis-settur tal-manifattura tat-tratturi u s-settur ta' min jissupplixxi t-trattament ta' wara għall-egżost.

Għall-bidu din kienet is-soluzzjoni mitluba mill-partijiet (industrijali) interessati. Iktar riċenti, huma talbu dewmien ta' ħames (5) snin.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

Bħala riżultat tal-analiżi ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li l-posponiment tad-dati tal-implimentazzjoni għall-NTT bi tliet (3) snin (l-Alternattiva 2) hija l-miżura l-aktar xierqa biex ikun assigurat li l-għanijiet politiċi li tkun garantita industrija kompetittiva u li jkun hemm protezzjoni aħjar tal-ambjent ikunu sodisfatti. Kif jingħad fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt, din l-alternattiva twassal l-aktar impatti li huma globalment favorevoli fir-rigward tal-implikazzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali.

	L-alternattiva 1 - "Il-linja bażi":	L-alternattiva 2 – dewmien ta' tliet (3) snin	L-alternattiva 3 – dewmien ta' ħames (5) snin	L-alternattiva 4 - "Eżenzjoni":
Impatt ekonomiku dirett (fuq l-industrija)	0 Ebda NTT ma jiġi mibjugħ sakemm tkun instabet soluzzjoni teknika, telf ta' introjtu, riskju serju ta' fallimenti	+	+	+
Impatt ekonomiku indirett (fuq l-industrija)	0 Ma jistgħux jiġġeddu l-għodda, spejjeż oġġla għall-manutenzjoni	+	+	++
Impatt fuq ir-riċerka u l-iżvilupp	0 Tiġrija sfrenata fost uħud biex jinnovaw bla ebda introjtu biex jiffinanzjaw l-	++	+	--

	innovazzjoni	jipparteċipaw	jipparteċipa				
Emissjonijiet tal-MP¹	0 Imtawwal l-użu ta' tratturi qodma li jniġġsu	++ Jitkompla t-tiġdid tal-flotta, tnaqqis ta' 2,2 kt, benefiċċju ta' EUR 31m	+	Jitkompla t-tiġdid tal-flotta, tnaqqis ta' 0,8 kt, benefiċċju ta' EUR 12-il miljun	-- Emissjonijiet ogħla fuq medda twila ta' żmien ta' 22,7 kt, spiża ta' EUR 313-il miljun		
Emissjonijiet tan-NO_x	0 Imtawwal l-użu ta' tratturi qodma u li jniġġsu	++ Jitkompla t-tiġdid tal-flotta, tnaqqis ta' 42 kt, benefiċċju ta' EUR 91m	+	Jitkompla t-tiġdid tal-flotta, tnaqqis ta' 29 kt, benefiċċju ta' EUR 62m	-- Emissjonijiet ogħla fuq medda twila ta' żmien ta' 168 kt, spiża ta' EUR 361m		
Impatt fuq l-impjiegi	0 Riskju serju ta' telf ta' impjiegi, sa 3 000 fuq medda ta' tliet (3) snin	+	Telf limitat ta' impjiegi, mhux strutturali, xi impjiegi addizzjonali għand min jissupplixxi	+	Telf ta' impjiegi limitat, mhux strutturali, xi impjiegi addizzjonali għand min jissupplixxi	+	Ebda riskju ta' telf sinifikanti ta' impjiegi, ebda impjiegi addizzjonali għand min jissupplixxi
Impatt fuq is-sikurezza tal-ħaddiem	0 Tratturi perikolużi jintużaw għal iktar żmien, madwar 80 000 ħaddiem huma esposti	+	Titjib tas-sikurezza permezz ta' tiġdid tal-flotta	+	Titjib tas-sikurezza permezz ta' tiġdid tal-flotta	+	Titjib tas-sikurezza permezz ta' tiġdid tal-flotta

Id-dewmien ta' tliet (3) snin jippermetti lil bosta mill-manifatturi biex jittrasformaw il-progress teknoloġiku riċenti f'NTTs li jikkonformaw mal-limiti tal-Istadju IIIB u simultanament jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tal-konsumatur għall-użu tagħhom fejn hemm imħawla d-dwieli u s-siġar tal-frott. B'hekk ikun evitat telf ta' impjiegi tal-Alternattiva 1 u l-impatti ambjentali u fuq is-sikurezza tal-ħaddiem ikomplu jkunu pożittivi minħabba t-tiġdid kontinwu tal-flotta tal-UE. Meta mqabbel mal-Alternattiva 3, id-dewmien ikun konformi mal-iżvilupp teknoloġiku meħtieġ u jkompli jsaħħaħ l-innovazzjoni. Kuntrarju għall-Alternattiva 4, b'dewmien limitat, il-benefiċċji ambjentali li kienu mistennija mill-leġislazzjoni oriġinali jkunu għalhekk miksuba.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Se jkun importanti li maż-żmien ikun monitorjat l-avanz teknoloġiku fl-industrija biex ikun segwit il-progress tat-tranżizzjoni lejn il-limiti tal-Istadju IIIB u l-Istadju IV. L-indikaturi ewlenin huma l-livell tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp fis-settur, il-livell tal-bejgħ u l-profittabbiltà tal-kumpaniji (b'mod partikulari l-SMEs) attivi fis-settur u l-għadd ta' NTTs li maż-żmien ikunu kisbu b'suċċess l-approvazzjoni tat-tip għall-valuri tal-limitu tal-Istadju IIIB u IV. Ikun rilevanti wkoll il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tan-NO_x u l-MP attribwiti għall-NTTs.

¹ L-istimi tal-emissjonijiet li jniġġsu u l-valutazzjonijiet tal-impatti huma relattivi għax-xenarju tal-linja ta' bażi. L-emissjonijiet jikkorrispondu għall-qafas ta' żmien sal-2050, l-impatti ambjentali valutati għall-qafas ta' żmien tal-2012-2030.

Skont dan, se jkun tal-ikbar importanza d-djalogu kostanti mal-industrija li jkollu l-għan li jsegwi l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp minn kumpaniji kbar u żgħar fis-settur u li jimmonitorja l-kompetittività tas-settur u l-kapaċità tiegħu li jiżviluppa soluzzjonijiet teknoloġiċi xierqa fil-ftit snin li ġejjin. Fid-dawl tal-implimentazzjoni futura tar-regoli li hawn, ikun essenzjali li jkun monitorjat is-suq tal-NTTs u l-iżvilupp tat-teknoloġiji, fosthom soluzzjonijiet potenzjali ġodda għat-tranżizzjoni għall-Istadju IV. Mod wieħed xieraq biex jinkiseb dan id-djalogu kostanti huwa li wieħed joqgħod fuq il-Grupp ta' Ħidma għat-Tratturi Agrikoli.